TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NUMRU 2301

Chairperson: Charmaine Cristiano Grech

Kaz Numru: 2970/CCG

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

Bejn

Roberta Balzan

U

MaltaPost p.l.c.

Dwar: tkeccija mill-impjieg allegata li hi ingusta

Illum 31 ta' Lulju 2014

Dan il-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrijali, diversement kompost, permezz ta' rikors dwar allegat tkeccija ingusta. Ai termini tal-Artikolu 78(1) ta' Kap. 452 ma kienx possibli li l-kaz jinstema' u jinqata' kif inhu stipulat fl-Att.

**PRELIMINARI**

Ir-rikorrenti ddikjarat li kienet impjegata bhala 'postal operator' mill-25 ta' Ottubru 2007 permezz ta' kuntratt definit u li kieku gie mgedded l-ahhar kuntratt, ir-rikorrenti kienet tigi tal-post wara xahar. Fl-24 ta' Settembru 2011, il-kumpanija ghazlet li ma testendix il-kuntratt ta' mpjieg ghas-semplici raguni li Roberta Balzan kienet tqila u kieku gie mgedded hija kienet tikkwalifika biex tohrog bil-leave tal-maternita madwar hmistax-il gurnata wara. Ir-rikorrenti allegat li persuni ohra kellhom kuntratti identici ghal dawk tar-rikorrenti u li l-kumpanija geddet dawk il-kuntratti filwaqt li Roberta Balzan twaqqfet mix-xoghol. Il-kumpanija inkarigat persuni godda sabiex jaghmlu l-istess xoghol tar-rikorrenti u ghaldaqstant din tidher cara li l-uniku raguni li ghaliha twaqqfet kien minhabba l-istat taghha.

Is-socjeta` intimata MaltaPost p.l.c. preliminarjament ddikjarat li t-Tribunal ma ghandux gurisdizzjoni peress illi dan il-kaz jirrigwarda l-ezercizzju da parti tal-kumpanija tad-dritt taghha li ma tirrenovax kuntratt ta' mpjieg ghal zmien definit, liema dritt mhuwiex ristrett galadarba ma ghaddewx erbgha snin minn meta beda l-impjieg. Il-mod kif giet trattata ir-rikorrenti huwa differenti minn kif gie trattat haddiehor, u jidher li r-rikorrenti qed tasserixxi xi forma ta' diskriminazzjoni. It-Tribunal kif kompost ma jistax jittratta l-kaz. Il-fatt li kienet tqila ma kellux impatt fuq id-decizjoni li l-kuntratt ma jigix renovat.

Permezz ta’ decizjoni preliminari numru 2135, minhabba li l-kaz jitratta ukoll allegat diskriminazzjoni t-Tribunal kif kien kompost astjena milli jkompli jiehu konjizzjoni tal-kaz u rrifera lura l-kaz lis-Segretarju tat-Tribunal sabiex jigi assenjat lil *Chairman* iehor skont il-ligi.

**PROVI**

Ir-rikorrenti xehdet illi l-ewwel kellha kuntratt ta' 3 xhur li gie mgedded ghal 6 xhur u mbaghad geddewulha ghal 6 xhur ohra u mbaghad kellha wiehed ghal sena pero` xahar qabel ma ghalqet is-sena, li b'kollox jigu 4 snin, ma geddewuliex. Il-kuntratt kien jaghlaq f'Ottubru u f'Settembru ma geddewuliex. F'Settembru kienet pregnant u welldet f' Novembru. Xi xahar warajha dahlu b' definite contract ammont ta' haddiema ohra, li kollha baqghu hemm. Ir-rikorrenti xehdet li habbtulha l-bieb u tawha karta li meta fethitha sabet li l-kuntratt taghha mhux imgedded. Wara dan, ix-xoghol taghha beda jsir minn part-timers. In kontro ezami hi xehdet li meta kellha xahrejn pregnancy kienet tahdem il-hub taz-Zejtun u qaltilhom li hi pregnant. Qalet lil ta' fuqhom, imbaghad meta marret Hal Qormi telghet l-HR u qalet lil Stefania. Hi kienet baqghet tahdem sakemm kellha tmien xhur tqala. Hadd ma qallha mill-HR li l-kuntratt mhux se jkun imgedded u irceviet ittra, sempliciment ittra u daqshekk. Hi xehdet li tahseb li twaqqfet bla raguni ghaliex kull min dahal warajha baqa’ hemm. Hi qalet li qatt ma kellha complaints u dejjem qalulha li sejra tajjeb fuq ix-xoghol u qatt ma kellmuha fuq xejn.

Rapprezentant tal-ETCipprezenta affidavit bl-employment history ta’ xi whud mill-impjegati, inkluz ta' Evan Galea.

Xehdet Stefania Camilleri HR Manager tal-MaltaPost p.l.c. fejn qalet illi r-rinovar tal-kuntratti m'ghandux x'jaqsam jekk ikunux pregnant jew le l-haddiema. Hija pprezentat lista ta' haddiema li kellhom il-kuntratt jiskadi jew ma' ta' Roberta jew wara taghha u indikat dawk il-haddiema li kienu pregnant u li ghadhom fl-impjieg taghhom u ipprezentat kopja tal-birth certificates ta' uliedhom biex tipprova dan. Sahansitra kien hemm impjegata, Graziella Mifsud, li kienet pregnant darbtejn u li baqghet tahdem maghhom. Fil-lista hemm imnizzlin persuni, kemm nisa u kemm irgiel, li kellhom il-kuntratt mhux rinovat, jigifieri din mhix xi haga relatata ma' maternity.

Xehed Joseph Gafa CEO tal-MaltaPost p.l.c. fejn huwa qal illi huwa l-persuna li jiffirma kull tip ta' estensjoni ta' kuntratt jew terminazzjoni tkun xi tkun. Kull meta il-perjodu jigi fit-terminu tieghu f'kaz ta' kuntratt definit, hemmhekk il-management jiehu certu decizjonijiet jekk igeddidx jew le. Kif gie ipprezentat mill-HR Manager, il-lista hija cara u ma hemmx distinzjoni bejn ragel u mara, ahseb w ara bejn mara pregnant u mara mhux pregnant. Xehed li kien hemm haddiema li kienu pregnant darbtejn u wara l-pregnancy huma jaghtu l-facilita` li n-nisa jestendu l-arrangament taghhom u jirrangawlhom biex jahdmu reduced hours.

**SINTESI TAT-TRATTAZZJONI**

Dr. Borg Cardona ghall-kumpannija intimata spjegat li dan il-kaz huwa dwar allegat diskriminazzjoni, liema allegazzjoni hija bbazata fuq il-fatt li r-rikorrenti kienet qed tistenna tarbija fiz-zmien meta skadielha l-kuntratt ghal zmien definit u liema kuntratt ma giex rinovat. Il-kuntratt kien definit, allura minnu nnifsu ghandu terminu illi jiskadi. Ma hemm xejn fil-ligi li jippreveni lill-partijiet jew lil xi individwu jew kumpanniji milli jaslu ghall-akkordju jew jestendu jew jarrendu l-kuntratt ghal zmien indefinit jew jaghmlu l-kuntratt ghal zmien definit iehor. Ma hemm l-ebda obbligu li l-employer jirrenova kuntratt. Il-ligi tikkontempla biss rinovazzjoni jew novazzjoni tal-kuntratt ghal wiehed indefinite meta jkunu skadew erbgha snin mill-bidu, li f'dan il-kaz ma ghaddewx. Kaz ta' diskriminazzjoni jista' jirnexxi fid-dawl ta' din id-deskrizzjoni meta jigi ippruvat jew muri li l-employer tratta xi individwu b'mod differenti. Pero` huwa muri car illi r-rikorrenti ma kinitx l-unika persuna li qed tistenna tarbija. Il-kumpannija ma tiddistingwix bejn min ghandu jew qed jistenna tarbija jew le biex jirrenova kuntratt definit u huwa dritt tal-employer li ma jestendix kuntratt. Il-kumpannija kellha u ghad ghandha u ser ikollha hafna nisa li jkollhom it-tfal u jiehdu l-maternity leave, time off u parental leave. Hija kumpannija b'hafna mpjegati u allura bilfors l-kumpannija trid tirrikonoxxi l-obbligi socjali taghha. L-erbgha snin ma kinux ghaddew, ma kienx hemm inappropriate consideration, ma kienx hemm diskriminazzjoni u allura l-kaz ma jistax jirnexxi. Il-ligi ma taghtix l-obbligu li taghti raguni ghalfejn kuntratt se jigi rrevokat. Li kieku kien hemm xi klawsola fil-kuntratt stess kien ikun mod iehor pero` dan kien kuntratt maghluq u allura l-employer ma kienx obbligat li jaghti raguni.

Dr. Critien ghar-rikorrenti trattat li f'dan il-kaz irridu nqabblu a like with like. Irid ikun hemm comparison fejn isir paragun bejn l-impjegati li ghandhom a definite contract, u jrid ikun fl-istess zmien illi kien ser jigi tterminat il-kuntratt taghha. Ghalhekk wiehed ma jistax jargumenta li fil-passat kien hemm nisa li hargu pregnant u baqghu jahdmu mal-kumpannija. Ir-rikorrenti kienet fi istadju avvanzat fit-tqala taghha. Skont it-teorija tas-socjeta' intimata ir-raguni tat-terminu zgur ma kinitx il-pregnancy. Il-gravidanza hi illi hi kienet fi stadju avvanzat u dawn kienu jafu li ha jigi mgedded il-kuntratt taghha u tohrog bil-maternity leave kif ghandha kull dritt li taghmel. Dan mhuwiex Tribunal abbazi ta' tkeccija ngusta. Dan huwa kaz ta' diskriminazzjoni ghax il-kuntratt ma giex imgedded abbazi ta' raguni li mhijiex valida fil-ligi. Ir-raguni hija wahda illi l-ligi ma tkoprix. Ir-raguni vera mhux ser jammettuha u ghalhekk infetah dan it-Tribunal.

**KUNSIDERAZZJONIJIET**

Dan il-kaz jitratta allegat kaz ta’ tkeccija ingusta. It-Tribunal jirrimarka li dan mhuwiex kaz ordinarju ta’ tkeccija ingusta pero` jirrigwardja kaz ta’ kuntratt ta’ zmien definit li wara l-iskadenza tieghu ma giex rinnovat. Il-kumpannija pprezentat provi li kien hemm diversi impjegati li kienu tqal u li kellhom tfal waqt li kienu impjegati u li l-kuntratt taghhom gie imgedded. Il-kumpannija ukoll ipprezentat provi li kien hemm irgiel li l-kuntratt taghhom ma giex rinnovat ghaldaqstant huwa difficli li jigi allegat diskriminazzjoni. It-Tribunal jirrimarka illi ghalkemm saret referenza ghal diskriminazzjoni fil-mori tal-kaz, ir-rikors promotur jirreferi biss ghal tkeccjia ingusta.

Il-legislatur illegisla dwar impjegati li huma tqal jew ghadhom kif kellhom it-tfal sabiex dawn jigu protetti minn tkeccija ingusta. Impjegata li hija tqila hija sahansitra protetta minn tkeccija ingusta waqt zmien ta’ prova permezz tal-Artikolu 12A tal-Legislazzjoni Sussisdjarja 452.91. A kuntrarju ta’ dan, il-legislatur ma llegislax dwar rinovvar o meno ta’ kuntratt ta’ zmien definit f’kaz li impjegata tkun tqila. Jekk napplikaw id-dottrina ta’ *ubi lex voluit dixit, ubi noluit tacuit* ikun difficli li kaz bhal dan jitqies bhala tkeccija ingusta.

**DECIZJONI**

Ghaldaqstant, wara li ra l-atti kollha ta' dan il-kaz, it-Tribunal qieghed jiddikjara li ma kienx hemm terminazzjoni mill-impjieg li kienet ingusta u ghalhekk m’hemmx lok ghal rimedju. It-Tribunal jichad it-talbiet tar-rikorrenti u ma jqisx li l-MaltaPost p.l.c. kecciet lir-rikorrenti b’mod ingust.

**DRITTIJIET**

It-Tribunal jiffissa d-drittijiet ta’ min assista lill-partijiet f’dan il-kaz ghal €93.17 kull wiehed u dan ai termini tal-provvedimenti ta’ Avviz Legali Numru 48 tal-1986.

B’hekk jintemm dan il-kaz.

(iffirmat)

Avv. Charmaine Cristiano Grech
Chairperson

**VERA KOPJA**

Graziella Spiteri
Ghas-Segretarju